**25 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Attard

**Azzjoni Kriminali — Preskrizzjoni.**

*Ma għandux jiġi skambjat il-konċett tal-"fatt" ma' dak tat-"titolu" tal-azzjoni kriminali relattiva.*

*Jekk il-fatt kriminus ġie kommess f'ċerta data u l-azzjoni dwaru ġiet esperita qabel ma jagħlaq it-terminu preskrizzjonali, il-fatt li in segwitu tiżdied imputazzjoni oħra wara li jkun għalaq it-terminu preskrizzjonali ma jġibx illi l-azzjoni kriminali dwar din l-imputazzjoni li żdiedet hija preskritta. Għaliex il-kambjament tat-titolu tar-reat ma jalterax id-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni bħala att interruttiv tal-preskrizzjoni, iżda jfisser biss li mill-kommess seta' joriġina titolu wieħed jew ieħor ta' reat; imma l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ġiet radikata bil-prosekuzzjoni tal-fatt kriminus biċ-ċitazzjoni preżentata mill-Prosekuzzjoni, avvolja taħt titolu li mbagħad ġie sostitwit.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra George Attard illi fiż-Żurrieq, fit-30 ta' Mejju 1961, għal xi l-10 a.m., ingombra Queen Street bil-van 18840;

Rat il-verbal reġistrat li bih il-Pulizija, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 1961, żiedet imputazzjoni oħra fis-sens li l-imputat ma waqqafx il-vettura viċin tal-bankina;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Ottubru 1961, li biha lliberat lill-imputat mill-ewwel reat, għax ma ġiex assodat bil-provi magħmula, kif ukoll mit-tieni reat, billi akkoljiet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni opposta mill-imputat;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi riformata, fis-sens li tiġi konfermata kwantu għall-esklużjoni tal-imputazzjoni

tal-ingombru, iżda tiġi revokata fejn laqgħet l-eċċezzjon tal-preskrizzjoni u rriteniet preskritta l-imputazzjoni l-oħra, li ċjoè l-imputat ma waqqafx il-vettura viċin il-bankina, billi minflok tirrespinġi l-eċċezzjoni u tiddikjarah ħati ta' din il-kontravvenzjoni u tikkundannah skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza appellata bir-rispett kollu għall-Ewwel Qorti, skambjat il-konċett tal-"fatt" ma' dak tat-"titolu" tal-azzjoni kriminali relattiva. Il-"fatt" kriminus f'dan il-każ ġie kommess fit-30 ta' Mejju 1961. Il-Pulizija "fuq dak il-fatt, esperiet l-azzjoni kriminali biċ-ċitazzjoni notifikata lill-imputat fid-19 ta' Lulju 1961 (dok. fol. 2), u ċjoè qabel l-għeluq tat-terminu preskrizzjonali ta' tliet xhur. Il-kambjament tat-"titolu" tar-reat, li sar bil-verbal fol. 14 bid-data tal-15 ta' Settembru 1961, ma jalterax id-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni bħala att interruttiv tal-preskrizzjoni, iżda jfisser biss li mill-"fatt' kommess seta' joriġina "titolu" wieħed jew ieħor ta reat; imma l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ġiet radikata bil-prosekuzzjoni tal-"fatt" kriminus biċ-ċitazzjoni "de qua", allavolja taħt titolu li ġie mbagħad sostitwit;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

L-imputat ammetta, fol. 14, li hu waqqaf il-karrozza f'nofs it-triq, mentri skond il-liġi għandu jżommha fuq ix-xellug jekk il-Pulizija ma tordnalux diversament (reg. 66 Motor Vehicles Regs. 1960, u emenda L.N. 45 tal-1960);

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-Attorney General, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, previu r-riġett tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni issib ħati lill-imputat talli waqqaf

il-karrozza fin nofs tat-tricq minflok fix-xellug, u wara li rat ir-regolament fuq imsemmi u l-Kap. 103. art. 17, tikkundanna lill-imputat, għall-piena tal-ammenda ta' nofs lira.